# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 6 ta' Novembru, 2017**

Avviz tat-Talba numru: **228 / 2017**

**ALF MIZZI & SONS (MARKETING) LTD [C-8692]**

***VERSUS***

**HOLLYWOOD CATERERS LIMITED [C-57867], JONATHAN SAID [K.I. NRU. 29975M] U MARIO SAID [K.I. NRU. 404757M]**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar is-27 ta' April, 2017 fejn is-socjetà attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta' disa' mija, disa' u ghoxrin ewro u tlieta u erbghin ewro centezmi (€929.43c) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' merkanzija minjugha u debitament konsenjata minnha lill-konvenuti kif ahjar deskritt fl-istess imsemmi Avviz tat-Talba. Talbet ukoll l-ispejjez u l-imghax mid-data tal-konsenja.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tad-19 ta' Gunju, 2017;

Ra li ghad li debitament notifikati bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenuti naqsu milli jipprezentaw risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma dehru personalment (jew tramite rapprezentant taghhom) ghas-smigh ta' dan il-procediment;

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra il-kapitolu prezentat mill-attrici fl-udjenza tat-13 ta' Ottubru, 2017.

Ikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda.*"

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.*"

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, u hekk kif registrat fl-udjenza tal-25 ta' Settembru, 2017 (*a fol.* 13), il-konvenuti gew ilkoll debitament notifikati bl-atti processwali (ara riferti relattivi *a fol.* 10). Cionostanti tali notifika, l-konvenuti la ressqu risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti mizmuma quddiem it-Tribunal fil-perjodu wara n-notifika lilhom ta' l-atti u, addirittura, lanqas ma deher xi rapprezentant taghhom sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici fl-udjenzi mizmuma minn dan it-Tribunal.

Gie prezentat kapitolu mill-attrici fl-istess imsemmija udjenza tat-13 ta' Ottubru, 2017 (ara *a fol.* 17) u l-kawza giet differita ghall-udjenza tal-llum, fejn il-konvenuti baqghu ma dehrux biex iwiegbu ghalih. Fid-dawl ta' tali omissjoni n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

It-Tribunal josserva illi, in linea ta' principju, l-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament prevvisti u determinati mil-ligi taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta [*vide* Artt. 698(2) u 702(3)]. Minn tali disposizzjonijiet huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f'min lilu jigi deferit ta' fatt sfavorevoli ghal kapitolat u ta' vantagg ghall-parti li eskogitatu. Jinghad fid-decizjoni *in re* **Anthony Borg v. Samwel Veneziani** (Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998), illi "*din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut.*" Fl-istess sens ara s-sentenza *in re* **Stephen Vella et v. Bollicine Limited** (Appell Inferjuri, 9 ta' Jannar, 2008).

Madanakollu, ghalkemm huwa veru lil-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom u ma jkunx iggustifika l-omissjoni tieghu li jikkontesta l-kawza formalment, ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni (i.e., l'hekk imsejjha konfessjoni gudizzjarja). Imma dana ma jfisserx li min hu tenut jiggudika huwa obligat joqghod dejjem fuq dik il-prezunta konfessjoni. Is-subizzjoni hija semplici mezz ta' prova, u ghandha tigi ezaminata u valjata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza, b'mod illi, jekk il-kapitoli ma jkunux konfacenti mal-provi l-ohra tal-kawza, u l-gudikant jidhrilu li ghandu jaghti prevalenza lil dawk il-provi l-ohra, l-konfessjoni prezunta derivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra. F'dan is-sens ara d-decizjoni *in re* **Tabib Dr. Antonio Zammit et v. Francesco Pace et** (Prim'Awla, 28 ta' Gunju, 1952). In tema, kemm id-duttrina legali kif ukoll il-gurisprudenza, issoktaw jaffermaw, u jikkawtelaw ukoll, illi tali prova wehida mhux necessarjament u bilfors ghandha tiddemostra l-fondatezza tal-pretensjoni tal-parti attrici in kwantu dak l-istat migjub in essere bil-kapitolu ma ghandux ifisser li qed jintroduci derogi ghall-principju tal-piz tal-provi. Kif rilevat mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjali fil-kawza *in re* **James Trapani et v. Vincent Cilia** (28 ta' April 2000), "*il-kapitoli jitqiesu konfessati però dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq dik il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga' prodotta quddiem il-Qorti. Dan ghaliex kif gja' nghad is-subizzjoni setghet tintalab f'kull parti tal-procedura.*"

Apparti l-imsemmija konfessjoni gudizzjali, t-Tribunal sema' lil Marvin Sapiano, rapprezentant tas-socjetà attrici, fl-udjenza tat-13 ta' Ottubru, 2017 illi bil-gurament tieghu afferma li l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri ghadu interament dovut. F'dan is-sens l-imsemmi rapprezentant ezebixxa zewg dokumenti ("Dok: MS.1" u "Dok: MS.2" – *a fol.* 15 u *a fol.* 16 rispettivament).

L-ewwel dokument ("Dok: MS.1") huwa *statement* li jiddettalja l-komputazzjoni tac-cifra komplessiva ta' €929.43c, filwaqt li t-tieni wiehed huwa ftehim *pro forma* li kien gie kuntrattat mal-attrici. Tali ftehim huwa sottoskritt mill-konvenuti Jonathan Said u Mario Said *qua* diretturi tal-kumpannija konvenuta Hollywood Caterers Ltd. Fost it-*terms and conditions* misjuba f'tali ftehim hemm il-klawsola li titkellem dwar is-solidarjetà tal-firmatarji ghalih flimkien mal-kumpannija konvenuta li kuntrattat ma' l-attrici (ara klawsola nru. 12 ta' tali ftehim *a fol.* 16). Ghaldaqstant, b'tali sottoskrizzjoni, l-imsemmija konvenuti dahlu personalment bhala garanti ghall-obbligazzjonijiet kummercjali assunti mill-kumpannija konvenuta "*jointly and severally*" maghha (ara klawsola nru. 10 ta' tali ftehim *a fol.* 16) u taw l-assens tghhom illi f'kaz ta' inadempjenza *versu* l-attrici l-istess attrici kienet fakoltizzata "*at its option, to proceed for the recovery of any balance due hereunder against the Customer or the Guarantor or against both the Customer and the Guarantor at the same time.*" Dan ma hu xejn hlief applikazzjoni tal-principju kodifikat fl-Art. 115 tal-Kodici tal-Kummerc (Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta) u ta' dak rifless fl-Art. 1941 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Fid-dawl ta' dan – anke bl-adoperu tad-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – t-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak domandat mis-socjetà attrici.

Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jilqa' t-talba attrici fir-rigward ta' dak l-ammont li gie pruvat bhala dovut mill-konvenuti solidarjament bejniethom, ossia s-somma ta' disa' mija, disa' u ghoxrin ewro u tlieta u erbghin ewro centezmi (€929.43c).

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tal-kumpannija attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti solidarjament bejniethom biex ihallsuha s-somma ta' disa' mija, disa' u ghoxrin ewro u tlieta u erbghin ewro centezmi (€929.43c), bl-imghaxijiet fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mis-27 ta' April, 2014 (rapprezentanti d-data li l-ewwel *invoice* kienet dovuta – ara *fol.* 15) sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, kif mitlub fl-att promotur, huma a kariku tal-konvenuti solidarjament bejniethom.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
***Gudikatur***

***ft.* ADRIAN PACE**
***Deputat Registratur***